MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2014

Talba Numru. 1012/2011

**Francis Xuereb**

**Vs**

**Michael Daniel Xuereb et**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Dicembru, 2011 fejn l-attur ikkonceda lill-ibnu l-konvenut, u lill-mart il-konvenut, entrambi accettanti, il-fond esternament immarkat bin-numru mija u ghaxra (110), fi Triq Rudoplh, Sliema b'titolu ta' lokazzjoni, u dan permezz ta' skrittura privata datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2010;

Peress illi l-konventi kellhom ihallsu lill-attur kera fl-ammont ta' erba' mitt Ewro (€400) fix-xahar, u dan in kwantu ghal mitejn Ewro (€200) pagabbli mill-

konvenut, u in kwantu ghal mitejn Ewro (€200) pagabbli mill-konvenuta, kif jirrizulta mill-istess skrittura ta' lokazzjoni;

Peress illi l-konvenuti baqghu ma hallsux il-kera kollha dovuta minnhom skont l-imsemmija skrittura, u ghad fadlilhom ihallsu l-ammont ta' elfejn Ewro (€2000);

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex dan ir-Rispettabbli Tribunal m'ghandux jikkundannahom solidalment bejnithom ihallsu lill-attur is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) kif hawn fuq premess, u dan previa kull provvediment jew dikjarazzjoni ohra li lilu jidhrulu xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju, 2011 kontra l-konvenuti, bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-konvenuti.

Illi b'risposta pprezentata fit-3 ta' Jannar, 2012 il-konvenut Michael Daniel Xuereb fl-ewwel lok ma opponiex ghat-talba tal-attur u din titqies bhala ammissjoni. Imbaghad eccepixxa wkoll illi manadankolli, l-eccipenti dejjem hallas l-ammonti dovuti minnu skont il-kuntratt ta' lokazzjoni li fuqu hija bbazata l-azzjoni ta' l-attur;

Illi ghal kull buon fini, jinghad illi l-eccipjenti u l-konvenuta huma konjugi, u li prezentament jinsabu ghaddejjin minn proceduri ta' firda personali, bis-sahha tar-rikors guramentat bin-numru 294/2011 NC u fl-ismijiet "Julie Xuereb vs. Michael Daniel Xuereb";

Illi l-ammont reklamat mill-attur jirrapprezenta ammonti mhux imhallsin mill-konvenuta, u dovuti minnha skont il-kuntratt ta' lokazzjoni tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Mejju 2010;

Illi per konsegwenza, l-eccipjenti gie mharrek f'din il-kawza biss ghall-integrita' tal-gudizzju, stante li hija martu l-konvenuta li naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali assunti minnha versu l-attur;

Illi fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti m'ghandux jigi kkundanat ihallas spejjez;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-attur u l-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta Julie Xuereb permezz ta' risposta pprezentata fid-29 ta' Dicembru, 2011 eccepiet illi l-pretensjonijiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Julie Xuereb huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u kwindi ghandhom jigu michuda;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli ill-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-attur, bl-ingunzjoni tal-attur in subizzjoni.

Xehdet Julie Xuereb li spjegat illi Michael Daniel Xuereb il-konvenut kien hareg kmieni min programm ta' droga, anzi hareg tlett gimghat wara li beda. Peress illi kienu mizzewgin missieru, l-attur kien hallihom joqghodu fil-propjeta tieghu f'Tas-Sliema pero kellhom ihhallsu mitejn ewro (€200) kull wiehed. Kien qalilha illi dan kien qed jaghmlu biex ibnu ma jifdalux flus f'idu ghad-droga. Kien qalilha biex bil-flus taghha taghmel xi haga korlmeta ghat-tifel u tiftah insurance ghan-nom tat-tifel. Kien filfatt sabilha life insurance ghal mitejn ewro (€200) fix-xahar hu stess. Hi kienet infurmatu li ma kinitx ser tlahhaq thalas il-kera u l-insurance peress illi zewgha ma kien qieghed jghatiha xejn. L-attur kien qalilha biex ghal kera ma toqghodx tinkwieta u l-insurance thallas kemm tiflah umbad jghinha hu.

Tispjega illi l-attur kien baghtilha persuna tal-assikurazzjoni fil-post fejn tahdem u li hemm iffirmat il-karti. Kien qalilha wkoll sabiex lil Michael ma tghidlux u biex tidher iktar veritira l-kwistjoni kellhom jaghmlu kuntratt.

Il-konvenuta tghid illi hi kienet thallas bi flus kontanti lil Frank Xuereb l-attur u ma kienetx taf ktar fuq l-insurance.

Tispjega ukoll illi fid-dar baqghet tghix bejn Mejju 2010 sa Awwisu 2010 u dan minhabba li zewgha kien refa jdejh fuqa. Fil-post ma regetx dahlet hlief biex tigbor hwejjigha.

Xehed Jason Gatt raprezentant tal-Bank HSBC li spjega illi l-polza minkejja li kienet f'isem Julie Xuereb kienet tithallas minn Frank Xuereb u filfatt kien Frank Xuereb stess li waqqafha.

Xehed Frank Xuereb li spjega illi kien halla t-tifel tieghu Michael Daniel Xuereb u lil martu Julie Xuereb joqghodu fid-dar tieghu f'Tas-Sliema. Jghid illi dak iz-zmien ibnu kien jahdem mieghu. Jghid illi il-kwistjoni tal-kera ghamilha biex jghin mhux biex jaqla l-flus. Filfatt bil-flus iddecida li tinfetah insurance ghat-tifel ta' Julie. Jghid illi wara xi znmie Julie waqfet thallas u telqet tghix mal-genituri taghha. Jispjega illi hu waqqaf l-insurance tat-tifel peress illi Julie ma baqghetx thallas pero ghadu jhallas insurance tat-tifel tal-konvenuti sa llum. Jghid illi ma riedx ikomli jghaffas lil Julie u jitlobha l-flus.Fix-xhieda tieghu l-attur jghid illi kien ftiehem ma Julie illi s-sehem taghha jmur ghal insurance ghal binha Gordan. Jghid illi Julie qatt ma qaltlu li mhiex ser tlahhaq u li jekk ma tlehhaqx kienx ser jhallasha hu.

Wara li ra d-dokumenti u semgha lix-xhieda it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attur fil-bidu verament ried jghin lil ibnu u lil martu tant illi 'ddecida  li biex lil ibnu jkollu kontroll fuq flusu jibda jhallas nofs il-kera. Iddecida ukoll illi nofs il-kera li huwa sehem Julie kellu jmur ghal insurance tat-tifel ta' Julie li mhux iben il-konvenut Michael Daniel, it-tifel Gordon. Filwaqt illi l-attur bdea jhallas insurance tat-tifla tal-konvenut Sophia Anne, liema polza tal-insurance ghadha tithallas sa llum.

Jidher illi wara xi zmien u wara li nqala dizgwid bejn il-konvenuti u Julie telqet lil iben l-attur, l-attur iddecida li jfittex ghal sehem Julie li ma kienx baqa jithallas.

It-Tribunal jara illi l-konvenut Michael Daniel ammetta l-hlas ta' din is-somma. Mentri fir-rigwars ta' Julie Xuereb it-Tribunal ihoss illi la darba l-attur iddecida li l-flus tal-kuntratt tal-kera ma jehodhomx hu u jmorru ghal insurance allura dan ifisser li hu kien irrinunzja ghad-dritt tieghu li jircievi l-ammont minghand Julie. Kemm Julie kif ukoll Frank Xuereb l-attur qablu fuq din il-kwistjoni tal-insurance sahansitra l-attur jghid li ried jghin. Ghlahekk il-fatt jekk thallsitx l-insurance jew le tat-tifel li ma hux ta iben l-attur ma tirrigwardax iktar lil attur.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Julie Xuereb li ma ghandiex izjed xi thallas lil Frank Xuereb. Filwat illi jilqa' it-talba tal-attur ghal hlas ta' elfejn ewro (€2,000) u jikkundana lil konvenut Michael Daniel Xuereb sabiex ihallas l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) lill-attur Frank Xuereb.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu billi l-attur ihallas is-sehem tieghu u l-konvenuti jaqsmu nofs bin-nofs dak li ghandu jithallas minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------